MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 195/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Schembri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b’att ta’ citazzjoni kontra Joseph Schembri, bin Joseph u Salvina nee Tonna, imwieled Hal-Luqa fis-6 ta’ Frar 1952, u residenti Hal-Luqa, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 147452M, talli fix-xhur ta’ Jannar, Frar, Marzu u April naqas li jaghti l-manteniment ta’ Euro 116.46 fix-xahar skond digriet nru 301/07 datat 23/02/07 lil martu Rasalie Schembri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’ Gunju 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Schembri hati skond l-imputazzjoni

dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Schembri, minnu pprezentat fit-23 ta' Gunju 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tat-22 ta' Settembru 2008 u 9 ta' Ottubru 2008;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu, l-appellant issolleva diversi aggravji, fosthom, u bhala l-ahhar wiehed, l-aggravju li l-piena kienet eccessiva. Mill-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2008 jirrizulta li f'dik il-gurnata stess l-appellant hallas lil martu il-manteniment li kien dovut lilha ghax-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu u April 2008 (meritu tal-imputazzjoni). F'dik l-istess udjenza l-Avukata Dott. Marion Camilleri, ghall-appellant, irtirat l-aggravji kollha migjuba fir-rikors ta' appell hlief ghall-aggravju dwar il-piena. Il-kwistjoni, ghalhekk, li fadal biex tigi determinata hija jekk f'dan il-kaz ghandux ikun hemm modifika fil-piena inflitta mill-ewwel qorti.

Din il-Qorti tosserva li spiss qed jispiccaw quddiemha kawzi bhal dawn – cioe` fejn persuna tonqos milli thallas il-manteniment dovut lil persuna ohra skond ordni tal-qorti civili kompetenti jew skond il-kuntratt bejn il-partijiet – fejn l-imputat (jew imputata) jigu kkundannati ghall-piena karcerarja. Dan generalment jigri meta l-Qorti Inferjuri tinduna li l-incident meritu tal-imputazzjoni ma jkunx l-ewwel wiehed tax-xorta tieghu, izda jkun wiehed minn sensiela fejn l-imputat ikun regolarment qed jonqos milli jhallas il-manteniment lil martu (eccezjonalment ikun hemm kazijiet fejn tkun il-mara li ma tkunx qed thallas il-manteniment lil zewgha). F'kazijiet bhal dawn, il-Qorti Inferjuri gustament timponi mhux il-piena pekunjarja – li tkun giet imposta f'okkazjonijiet precedenti pero` ma tkun serviet ta' ebda deterrent – izda dik karcerarja. Il-qrati huma riluttanti hafna li jimponu din il-piena, cioe` dik karcerarja, f'dawn il-kazijiet, mhux biss ghax tali piena

tista' fil-fatt tfisser li min ikollu jircevi l-manteniment jibqa' ma jircevihx, izda wkoll biex ma jesacerbawx is-sitwazzjoni, normalment gja mimlija tensjoni, bejn il-konjugi. Spiss jigri wkoll li meta l-appellant li jkun gie kkundannat ghal piena karcerarja jhallas dak kollu minnu dovut fil-mori ta' l-appell, dik il-piena tigi konvertita f'wahda pekunjarja. Dak li, pero`, din il-Qorti (u anke il-Qorti Inferjuri) ghandha dejjem izzomm quddiem ghajnejha huwa li hawn mhux qed nitkellmu dwar reat kontra l-persuna jew reat kontra l-proprjeta`, izda reat, ankorke` kontravvenzjoni, kontra l-ordni pubbliku. Huwa l-ordni pubbliku li principalment jigi lez meta persuna tisfida l-ordni ta' qorti kompetenti jew tisfida l-patti ta' kuntratt u ma thallasx il-manteniment (jew, fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 338(*ll*), ma taghtix access ghall-minuri). Dan ifisser li, bhal f'dan il-kaz, il-hlas ta' dak dovut fil-mori ta' l-appell ghandu jittiehed, iva, in konsiderazzjoni, pero` tali hlas ma hux daqstant determinanti ghall-finijiet ta' piena.

Issa fil-kaz in dizamina, l-appellant ghandu fedina penali (li giet ezibita fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2008, u ngiebet a konjizzjoni tal-avukata difensur tieghu) li turi mhux biss diversi kundanni ghal nuqqas ta' hlas ta' manteniment (12/7/07, 3/12/07, 2/7/08), izda anke incidenti li fihom martu sfat imwegga' (23/10/06, 18/6/08). Huwa minnu dak li josserva l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu u cioe` li fl-att tac-citazzjoni ma hemm ebda imputazzjoni ta' recidiva; izda huwa minnu wkoll li din il-Qorti – anzi kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali – ghandha d-dritt u d-dover li, ghall-finijiet ta' piena, tara x'inhuma l-antecedenti penali tal-gudikabbli li jkollha quddiemha biex tkun tista' tikkalibra l-piena, fil-parametri tal-minimu u tal-massimu skond il-ligi, u b'hekk verament issir gustizzja. Bhalma fedina penali nadifa tista' tittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' mitigazzjoni tal-piena (dejjem skond in-natura tar-reat u c-cirkostanzi kollha tal-kaz), hekk ukoll fedina penali mhux nadifa tista' tittiehed in konsiderazzjoni biex ma jkunx hemm tali mitigazzjoni.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni kemm il-fatt li l-appellant hallas fil-mori ta' l-appell, kif ukoll il-fatt li ilu issa jikser il-ligi u jisfida l-

awtorita` tal-Qrati. Ghalhekk din il-Qorti tara li f'dan il-kaz hemm lok ta' piena karcerarja, anke jekk din ser tigi ridotta minn dik inflitta mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell biss in parti, u cioe` billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant Joseph Schembri hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, izda thassarha u tirrevokaha kwantu ghall-piena, u minflok il-piena ta' xahar detenzjoni, tikkundannah erbatax (14)-il gurnata detenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------